**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 439/2023 JPG**
**Kawza Nru : 19**

**BM**
**U**
**GM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 4 ta' Awwissu 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti żżewġu f'Malta, fiż-Żejtun, nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Knisja ta' San Girgor, liema Ċertifikat taż-Żwieġ huwa hawn anness u immarkat bħala dok 'A';*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ kellhom wild waħda, AM, li twieldet il-Pietá f'X, illum maġġiorenni.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att Notarili redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento, datat l-ewwel jum (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) kopja ta' liema kuntratt huwa hawn annessa u immarkata bħala dok 'B'.*

1. *Illi illum il-ġurnata l-partijiet ma għandhom l-ebda pretensjoni kontra xulxin għall-ħlas ta' manteniment u dana stante li ai termini tal-klawżola 4 tal-kuntratt il-partijiet irrinunzjaw għall-manteniment fil-konfront ta' xulxin, filwaqt li l-manteniment dovut għall-bint tal-partijiet ser jibqa' dovut sa mhux aktar tard minn meta l-bint tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena stante li hija tibqa' studenta ai termini tal-Klawżola 5(b)(i). Sal-ġurnata ta' llum ma hemmx pendenzi f'dan ir-rigward.*

2. *Illi l-partijiet ilhom defacto separati l'fuq minn disa' (9) snin, illum it-tnejn li huma qiegħdin f'relazzjoni ma' persuni oħra u għalhekk ma hemm l-ebda tama, lanqas waħda remota, ta' rikonċiljazzjoni.*

3. *Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja x-xoljiment taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) bejn il-partijiet;*

2. *Fil-każ li tilqa' l-ewwel talba, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati, fi żmien mogħti mill-istess Onorevoli Qorti, biex jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku dwar ix-xoljiment taż-żwieġ hawn fuq imsemmi u dan sabiex ix-xoljiment ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**BM xehed** (vide affidavit fol 16) illi l-partijiet izzewgu nhar is-16 ta' Mejju 2008 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, illum maggorenni. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento datat nhar 1 ta' Marzu 2013. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**GM xehed** (vide affidavit fol 15) u kkonfermat u kkorraborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-***

***anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Mejju 2008, liema zwieg jgib certifikat numru 552/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldet tifla, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento nhar l-1 ta' Marzu 2013 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien

li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 552/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**